MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 2206/1999/1

**Joseph Vella ezercenti l-kummerc bhala Levo Laboratory Services u ghal kull interess illi jista' jkollha Angela Sabina Vella**

**vs**

**Sealand Fish Farm Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma ta' elf tliet mija u erbgha u hamsin liri maltin u tliet centezmi (Lm1,354.03) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta'

merce mibjugha u debitament konsenjata lis-socjeta` konvenuta mill-atturi, u dan kif jidher mill-anness rendikont markat dokument "A";

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, xorta wahda baqghet inadempjenti;

Illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li fil-fehma tal-atturi, s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti;

Illi l-atturi qed jannettu affidavit markat bhala dokument "B";

Ghalhekk l-atturi talbu li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ma ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza b`dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf tliet mija u erbgha u hamsin liri maltin u tliet centezmi (Lm1,354.03) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' merce mibjugha u debitament konsenjata lill-istess socjeta` mill-atturi;

Bl-interess dekorribbli mis-16 ta' Jannar 1999, u cioe` id-data tal-ahhar konsenja u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Settembru 1999 u tal-mandat ta' sekwestru il-hrug ta' liema gie mitlub konstestwalment ma dana l-att;

Is-socjeta' konvenuta u rappresentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfemata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2003;

Ikkonsidrat:

Mill-provi t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement gustifikati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ elf tliet mija u erbgha u hamsin liri maltin u tliet centezmi (Lm1,354.03) rappresentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ merce mibjugha u debitament konsenjata lill-istess socjeta' mill-atturi u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mis-16 ta’ Jannar 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------